Malta. Fid-19 ta' Diċembru, 1797 l-Ammirall Brueys kiteb
lill-Napuljun u għarrfu illi "Censu Barbara ġie mibgħut lejn
Malta". F'din l-ittra fisser illi ż-żewġ bastimenti "La Justice"
u "L'Artémise" għandhom iniżżlu u jħallu lil Barbara f'Malta
bil-pretest li jieħu minn għand il-Konslu Franċiż x'informaz-
zjonijiet dwar il-kursali li kienu qegħdin jikkorseġġaw f'dawk
l-ibħra. Huma u sejrin l-ura lejn Corfù kellhom jerġgħu
igħabbu lil Barbara. Din id-darba l-bastiment *La Justice*
ġarr fuqu Malti ieħor, illi ismu mhu msemmi b'xejn, iżda
Brueys ipinġih bħala *wieħed mill-partitarji franċiżi, rasu*
*sħuna, illi kiser il-quarantina sabiex jimbarka fuq il-*Justice
*u ħalla l-mara u l-familja u s-sengħa jew negozju tiegħu biex*
*ingaġġa abbord mal-Franċiżi.* Barbara huwa u sejjer Tulun
mal-Ammirall Brueys fit-3 ta' Marzu 1798 raġa' għadda minn
Malta u din id-darba kien fuq id-*Dubois.*

Fid-daħla ta' Napuljun bil-flotta u l-armata tiegħu f'Malta
fid-9 ta' Ġunju, 1798 Poussielgue u Barbara kienu qegħdin ab-
bord ta' wieħed mill-bastimenti. Barbara, kif jidher minn
relazzjoni magħmula minn Fra Augusto Viè Cesarini tal-
Ordni ta' San Ġwann, niżel l-art mas-suldati Franċiżi li kienu
xterrdu mal-kampanja ta' Malta u offra ruħu li jmexxihom hu.
Huwa kien ukoll mexa quddiem nett mad-diviżjoni tal-Ġe-
neral Voubois u resaq lejn l-Imdina bil-ħsieb li jġiegħel lill-
Ħakem u lill-Ġurati jċiedu l-Belt lill-Franċiżi. Fil-waqt li
il-Ħakem u l-Ġurati nġemgħu fil-Palazz tal-Isqof Labini, biex
jiftiehmu x'għandu jsir, Censu Barbara b'isem Bonaparti
bagħat jistaqsihom u talab li jwieġbuh x'bi ħsiebhom jagħmlu,
jilqgħux lis-suldati Franċiżi bħala ħbieb jew bħala għedewwa.
Dawna, billi ma kellhomx biex jilqgħu ruħhom, weġbuh li
huma jċiedu l-belt bil-patt li jitħarsu r-reliġjon, il-libertà, il-
beni u l-privileġġi tal-poplu.

Għall-aħħar ta' Diċembru tal-1799 insibu li Menard il-
Kummissarju tal-Marina talab b'ittra lill-Ġeneral Vaubois
sabiex jati permess jitlaq għal Franza lill-ispija tagħhom
Censu Barbara bil-ħsieb li jmur jati xi pariri fuq xi pjani
għar-rinforzi li kienu qegħdin jitlestew f'Tulun. Barbara, li
dik il-ħabta tal-Blokk kien qiegħed imexxi l-inżul ta' nies
min-naħa tal-Punent tal-Gżira, wara li ġieh il-permess, telaq
għal Franza, iżda huwa u sejjer ġie maqbud mill-Bey ta'
Tunes u, skond ma jidher min-nota tal-ittra ta' Menard, "poġ-
ġewh jaħdem fix-xogħlijiet pubbliċi tal-Bey u tawh qoffa
kbira apposta biex biha jġorr l-oġġetti." Wara dan kollu,
fuq Barbara ma nsama' xejn iżjed sa kemm damu l-Franċiżi
hawn Malta.



U sieħbu Vassalli? Fuq dana l-ebda tifkira bil-mik-
tub ma stajna nsibu x'kien sar minnu mita wara s-sentenza
tat-12 ta' Ġunju, 1797 huwa kien telaq mill-ħabs tar-Rikażli u
niżel l-art ta' Salerno. Xi wħud qalu li hu raġa' lejn il-Gżira
flimkien ma' Barbara mita dana daħal mal-flotta ta' Napuljun,
u dana jixħdu l-istess dokument li minnu sirna nafu kif, wara
sentejn u tlitt xhur minn dik is-sentenza, Vassalli kien qie-
għed ġol-Belt (Valletta) ta'Malta fost dawk li kienu mblokkati
mill-Maltin, bil-grad ta' Ajjutant tal-Guardia Nazzjonali
Maltija.

***(jissokta)*** A C.

# IL-LSIEN TA' PAJJIŻI

SUNETT

Kien għad ma kellix dehen; kont tarbija
meta bdejt nisma' jdoqq f'widnejja l-kliem
ta' art twelidi; mxejt qajl il-quddiem
u 'l din u 'l dan bdejt nagħmel mistoqsija.

Ma' ninsa qatt kemm kellha ħajr għalija
ommi l-maħbuba, li ġenbi bil-ħżiem,
saħħet u moħħi bit-tweġib; ma diem
xejn da l-lsien ma saħħarni fiż-żgħużija.

Miktub fis-sema fuq rasi sabiħ
rajtu w fil-ward li bih din l-art tistgħana,
rajtu fil-baħar, l-aktar xħin mistrieħ.

U qabel nitlaq minn din l-art ħanina,
biex nittajjar lejn Alla, l-Missier tagħna
b'da'l-lsien insejjaħ lil min miet għalina.

**Mons. Gauci**